**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Paulo Miguel Da Costa Osorio**

**Kumpilazzjoni numru 250/2017**

**Illum 16 ta' Gunju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paulo Miguel Da Costa Osorio** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 110159 (A) billi huwa akkuzat talli nhar 03 ta' Gunju 2017 ghall-habta ta 17:00Hrs u / jew hinijet wara gewwa ir-residenza 31, Maple Leaf, Triq l-Ghollieq, Fgura u jew f'dawn il-gzejjer;

- minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Rita Gerada liema griehi huma ta' natura gravi jew gab disordni fil-mohh kif iccertifika skond kif icertifikat minn Dr. Shahzad Arain Reg. No. 3661 minn Sptar Mater Dei.

- U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkustanzi hebb ghall-persuna ta' Rita Gerada sabiex jingurjha, idejjaqha w jew jaghmlilha hsara.
- U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, cioe hsara fit-tieqa tar-residenza 31, Maple Leaf, Triq l-Ghollieq, Fgura u / jew oggetti ohra liema hsara tammonta ghal mhux aktar minn 2500 Euros.
- U aktar talli ghamel lil Rita Gerada injurji jew theddied u jekk kien provokat, hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.
- U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkustanziu / jew zminijiet qabel ikkaguna biza fuq il-persuna ta' Rita Gerada li ser tintuza vjolenza kontrija jew kontra il-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi had mill-axxendenti jew dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.
- U aktar talli bi hsara tas-sid, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band ohra f'da il-kodici ghad-detriment ta' residenti li jabitaw fi triq Triq l-Ghollieq, Fgura u/ jew persuni ohra.
- U aktar fl-istess data hin lok u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li jkun jaghmel dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indhalal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fixxejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod ieħor li jkun.
- U aktar talli kiser il-bon ordni u il-kwiet publiku b'ghajjat storbju u glied.
- U aktar talli inqast milli thares il-kundizzjonijiet impost fuqek mill qorti tal-Magistrati Malta preseduta Mill Magistrat Dr. C.Galea fid-digriet taghha li bih inghatajt iil-helsien mill-arrest taht garanziji.
- U aktar talli ghamel reat fil-Perjodu operativ ta- sentenza sospiza moghtija lilu mill Qrati tal-Magistrati Malta Mgt.Dr. E. Grima LL.D.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Paulo Miguel Da Costa Osorio u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tghaddi is-somma ta' €2000 ghand il- Gvern ta' Malta, kif stipulata fl-artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet gentilment mitluba, meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Rita Gerada u jew sabiex jinżamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-qorti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex jekk jidrilha xieraq, minħabba f'raġunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża Rita Gerada jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża'ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex tittratta mal-imputat bhala wiehed li rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew defennitivi u ma jistawx jinbidlu, kif pruvat fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta Malta.

Rat id-dokumenti ezïbiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul is-seduta tal-16 ta' Gunju 2017, l-imputat ammetta l-imputazzjoni migǧuba kontrih.

Wara li spjegat bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi kollha li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija, u cioe li din il-Qorti kienet tista' ssib lill-imputat ħati u li tinfliggi fuqu wkoll il-piena ta' prigunerija skont il-Ligi, il-Qorti tatu żmien bizzejjed sabiex jekk irid jirtira l- ammissjoni tiegħu.

Wara li reggħet staqsiet lill-imputat x'għandu xi jgħid dwar l-imputazzjoni migjuba kontra tiegħu, l-imputat rega' tenna li huwa ħati skont kif kien tenna ftit qabel u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din

id- decizjoni tal-imputat fl-atti tal-kawza. Għalhekk din id-darba il-Qorti kienet qegħda tqis l-ammissjoni tiegħu bħala definittiva u finali.

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjoni migjuba kontra tiegħu kif specifikat aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena li għandha tiġi inflitta fejn qablu li l-imputat huwa maħkum mir-rabbja u jeħtieġ li jkun mgħejjun jegħleb l-istess rabja.

Din il-Qorti tqis li l-gravita tar-reat timmerita piena karcerarja li pero' mhix ser tkun imposta fil-forma effettiva f'dan il-kaz, sabiex il-Qorti tipprova tagħti cans aħħari lil Paolo Miguel Da Costa Osorio jaqbad it-triq it-tajba u ma jibdiex karriera dieħel u ħiereg il-ħabs.

## Decide :

Li għar-ragunijiet premessi, filwaqt li ssib lil Paolo Miguel Da Costa Osorio ħati tal- imputazzjonijiet migjuba kontra tiegħu wara li rat l-Artikoli 216, 338(ee), 383, 412c, 339(1)(e), 251B, 338(dd), 340, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-imputat Paolo Miguel Da Costa Osorio hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u tordna li, ai termini ta' Arikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal tliet (3) snin u bil-kundizzjonjiet l-ohra ndikati fl-istess ordni hawn anness, inkluz dik ta' ordni ta' trattament kontenuta fl-ordni.

Fis-sentenza taghha l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja u tordna li l-istess kundizzjonijiet jibqghu in vigore u jekk jiksirhom mill-gdid tkun revokata l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Paulo Miguel Da Costa Osorio u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tghaddi is-somma ta'

€2000 ghand il- Gvern ta' Malta, kif stipulata fl-artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Paolo Miguel Da Costa Osorio bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is- sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' probation moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Paolo Miguel Da Costa Osorio.

Inoltre stante li l-Qorti jidhrilha li l-imputat jirriżulta li huwa maħkum mir-rabja qegħda tagħmel ukoll ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin u dan sabiex l-imputat jagħraf joħroġ minn din il-problema u dan skont id-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha u b'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament u dana kif jirrizulta minn wahda mill-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Rita qiegħda toħroġ ordni ta' kontra l-ħati skontid-digriet li qiegħed jigi anness ma in is-sentenza u li jifforma parti integraliminnha u dan għal perjodu ta' tliet snin millum b'dan li l-

ħati huwa projbitmilli b'kull mod jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffasti dja lil Rita u l-familjari kollha taghha, inkluz ma jersaqx lejn il-post li fih tghix Rita Gerada.

Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta' dawn l-ordnijiet u l-konsegwenzi li l-hati jkollu jaffaccja fil-kaz li huwa jonqos milli jimxi ma' dawn l-ordnijiet skont kif ordnat lilu.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**